MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2011

Numru. 300/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**Vs**

**Beverly Bartolo ta’ 24 sena, bint Richard u Veronica nee Galea mwielda Pieta nhar l-20 ta’ Gunju 1987, residenti 87, Flat 4 Triq Erin Serracino Inglott Bormla u detentrici tal-karta ta’ l-identita 280387(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputata li giet akkuzata talli f’dawn il-Gzejjer fil-lejl ta’ bejn it-30 u l-31 ta’ Marzu 2010, gewwa Ta’ Qali, kif ukoll fl-ahhar tlett xhur qabel din id-data, f’hinijiet differenti u fi bnadi ohra ta’ Malta:

Kellha fil-pussess taghha d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienitxx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzata li timmanifattura, jew tforni d-droga 'msemmija u meta ma kienitx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emmendati u dan bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali ai Termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101);

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputata liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputata inghatat zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatj tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata, il-fedina penali nadifa taghha u l-fatt illi jidher illi l-imputata m'ghandhiex problema tad-droga.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02 issib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputata bil-kondizzjoni li hija ma tikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------